Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0343(NLE)

8.6.2026

***

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji (05312/2026 – C10-0077/2026 – 2025/0343(NLE))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Jaroslav Bžoch

Symbols for procedures

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 6

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT 8

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasferiment ta’ data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta’ reati terroristiċi u delitti serji
(05312/2026 – C10-0077/2026 – 2025/0343(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (05312/2026),

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasferiment ta’ data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta’ reati terroristiċi u delitti serji (05316/2026),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 16(2) u l-Artikolu 87(2), il-punt (a), u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C10-0077/2026),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 107(1) u (4) u l-Artikolu 117(7) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A10-0000/2026),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Konfederazzjoni Żvizzera.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill għandha l-għan li tapprova l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR, Passenger Name Record) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji (il-"Ftehim").

L-Iżvizzera u l-Istati Membri tal-UE li huma partijiet kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Schengen għandhom responsabbiltà kondiviża li jiżguraw is-sigurtà interna f'żona komuni mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni rilevanti. Id-data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (il-"PNR") hija informazzjoni pprovduta mill-passiġġieri, miġbura matul il-proċessi tal-prenotazzjoni u taċ-check-in tal-linji tal-ajru u miżmuma fis-sistemi ta' prenotazzjoni u ta' kontroll tat-tluq tat-trasportaturi tal-ajru għall-finijiet kummerċjali tagħhom stess. Il-ftehimiet eżistenti dwar l-ipproċessar tad-data tal-PNR ma' pajjiżi terzi wrew il-potenzjal li jtejbu s-sigurtà taż-żona Schengen. Tali ftehimiet itejbu l-prevenzjoni u l-iskoperta ta' reati terroristiċi u ta' kriminalità serja, inkluż it-traffikar tad-drogi, tal-armi tan-nar u tal-bnedmin, fil-fruntieri esterni tal-UE, u jipprevedu wkoll approċċ ibbażat fuq ir-riskju xprunat mid-data li l-Istati Membri jistgħu jużaw bħala miżura ta' kumpens għan-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni fiż-żona Schengen.

Għalkemm l-Iżvizzera mhijiex meqjusa bħala pajjiż terz skont ir-Regolament 2016/679 (il-"GDPR"), dan il-qafas legali ma japplikax għall-ipproċessar ta' data personali, inkluża data tal-PNR, mill-awtoritajiet Żvizzeri tal-infurzar tal-liġi għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-iskoperta jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali. Fl-istess ħin, l-Iżvizzera hija marbuta bl-atti tal-Unjoni li jikkostitwixxu żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen. Madankollu, id-Direttiva (UE) 2016/680 (id-"Direttiva dwar il-PNR") ma tikkostitwix żvilupp tal-acquis ta' Schengen, għalhekk l-Iżvizzera ma tipparteċipax fl-implimentazzjoni ta' dan l-istrument legali.

Skont il-qafas attwali, l-Iżvizzera ma tistax tirċievi u tipproċessa legalment data tal-PNR dwar titjiriet operati minn trasportaturi tal-ajru bejn l-Unjoni u l-Iżvizzera. Għalhekk, il-Kummissjoni rrakkomandat li jinfetħu n-negozjati tal-Ftehim fis-6 ta' Settembru 2023. Fl-4 ta' Marzu 2024, il-Kunsill ipprovda l-awtorizzazzjoni tiegħu u n-negozjati bdew fil-21 ta' Marzu 2024. Fis-7 ta' Ottubru 2025, in-negozjati ġew konklużi formalment, u l-Ftehim ġie adottat mill-Kunsill fis-17 ta' Frar 2026. Il-Ftehim ġie ffirmat mill-Kummissarju għall-Affarijiet Interni u l-Migrazzjoni, is-Sur Magnus Brunner, u l-kap tad-Dipartiment Federali Żvizzeru tal-Ġustizzja u l-Pulizija, is-Sur Beat Jans, fil-5 ta' Marzu 2026.

L-għan ewlieni ta' dan il-Ftehim huwa li jnaqqas id-distakk fis-sigurtà li jeżisti fiż-żona Schengen u b'hekk jippermetti lit-trasportaturi tal-ajru jittrasferixxu d-data tal-PNR lill-Iżvizzera u viċi versa. Madankollu, it-trasferiment u l-ipproċessar tad-data personali, inkluża d-data tal-PNR, jeħtieġu limitazzjonijiet stretti u salvagwardji effettivi. Skont l-Opinjoni 30/2025 tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data tad-19 ta' Diċembru 2025, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim li jirregolaw it-trasferiment u l-ipproċessar tad-data tal-PNR kienu sodisfaċenti. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni infurmat lir-rapporteurs fit-2 ta' Ġunju 2026, u kkonfermat li l-Ftehim jistabbilixxi standards għoljin mhux biss f'termini ta' sigurtà, iżda wkoll f'termini ta' privatezza u protezzjoni tad-data.

Fid-dawl ta' dan, ir-rapporteur jirrakkomanda li l-Parlament japprova t-test tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu li fir-rapport tiegħu ma inkludiex kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).